**Minuti tat-358 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 5 ta' Awwissu, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, l-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni fis-seba' paragrafu f'*Item* 6 – 'Affarijiet Oħra' u minflok il-kliem "ħdejn kaxxa tat-telefon li hemm fi Triq Agius Muscat hemm ħofra li jeħtieġ tingħalaq" jitnizzel il-kliem "ħdejn kaxxa tat-telefon li hemm fi Triq Agius Muscat hemm toqba li teħtieġ tingħalaq".

Is-Sinjura Calleja pproponiet li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu f'*Item* 6 – Affarijiet Oħra u wara l-kliem "biex bozza li hemm fi Triq l-Iskola ma' Triq Qalb l-Imqaddsa tinbidel jew li jiġi mtejjeb il-vultaġġ tagħha" jitnizzel il-kliem "u għandha ssir bozza oħra għax it-triq hija mudlama".

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-357 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet Oħra tal-Minuti

Is-Sur Catania staqsa dwar il-ħaddiema li kellhom jiġu assenjati lill-Kunsill taħt il-*Community Work Scheme*. Is-Segretarju qal li flimkien mas-Sindku kienu attendew għal laqgħa organizzata mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fejn ġew infurmati li dan ix-xahar kellhom jiġu assenjati tlett ħaddiema bħala ġardinara mal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Membru Parlamentari l-Onorevoli Carmelo Abela rigward mistoqsija parlamentari li saret dwar *loading/unloading bay* li kien hemm fi Sqaq Numru 1, Pjazza San Ġakbu, f'Ħaż-Żabbar u li tneħħiet mill-Awtorita' Dwar Trasport ta' Malta. Is-Sur Buhagiar talab lill-Kunsill biex jiċċara li ma kienx Kunsillier li talab biex titneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien hemm ordni mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex din il-*loading/unloading bay* titneħħa u kienet l-Awtorita' stess li neħħieta u mhux il-Kunsill.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Inqrat Memo 46/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ftuħ tal-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment bl-arranġamenti kollha magħmula sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2009.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar kampanja ta' tindif li ġiet imnedija għall-Kunsill Lokali. Din il-kampanja se tkun qed tinvolvi kompetizzjoni għall-aktar lokalita' nadifa f'Malta u Għawdex fix-xahrejn t'Awwissu u Settembru bi premju fi flus għar-rebbieħa kif ukoll b'għajnuna finanzjarja għall-parteċipanti.

Inqrat Memo 47/2009 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar inizjattivi dwar l-indafa fil-lokalitajiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali Żejtun dwar il-kuntratt tad-dawl li l-kumitat konġunt Grupp B għandu ma' *Nexos Street Lighting* għall-installazzjoni u manutenzjoni tad-dawl fit-toroq. Il-Kunsill intalab jgħid jekk m'hemm l-ebda oġġezzjoni li l-kuntratt jiġġedded għal perjodu ta' sitt xhur oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġġedded għal perjodu ta' sitt xhur oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqgħa ta' informazzjoni mas-Segratarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Said dwar diversi inizzjattivi. Il-laqgħa se ssir nhar il-Gimgħa, 7 ta' Awwissu, 2009. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku mistiedna jattendu għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar nuqqas ta' ko-ordinament meta jsiru ċertu laqgħat minn diversi Ministeri u awtoritajiet fejn jiġu msejjħa jattendu s-Sindki u uffiċċjali oħra fis-sistema tal-Gvern Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mir-residenti ta' Triq Dun Frans Buhagiar dwar l-istat ħażin ta' din it-triq. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru kkonċernat. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident fi Sqaq Berqi dwar l-istat ħażin li jinsab fih dan l-isqaq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport dwar korsijiet fil-litteriżmu bażiku fil-Malti, Ingliż, Somom u Xjenza. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħmel avviż pubbliku għal dawk kollha interessati li jipparteċipaw.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana dwar jekk il-Kunsill hux se jkompli l-programm 'Kunsill Lokali *Live'* fuq Radju Hompesch. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jerġa' jtella' dan il-programm.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita' dwar in-nominazzjonijiet għall-premju Anzjan tas-Sena 2009 li se jingħata nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2009. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondenza lis-Sotto Kumitat għall-Anzjani.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-MUESAC u mill-*Outlook Coop* fejn il-Kunsill intalab jagħti l-permess tiegħu biex tiġi organizzata attivita' bit-Tema 'L-Ewropa fil-Pjazza' f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Interdjocesana Ambjent dwar ir-riforma fil-MEPA.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Lulju, 2009 u l-5 ta' Awwissu, 2009 li kien jammonta għal €35,164.02. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2009 li kien jammonta għal €166.44. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni li ġiet sottomessa wara li l-Kunsill ħareġ avviż pubbliku fil-gazzetti biex il-Kunsill itella' erba' serati ta' kant, żfin u divertiment ieħor bit-tema 'Żabbar Fest'. Ġiet sottomessa offerta waħda, dik mingħand *Leon Promotions* għall-prezz ta' €675. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċetata din l-offerta.

Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2008 – 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2008 – 2009. Dan ġie approvat unanimanment mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-*Management Letter* tal-Udituri għas-sena finanzjarja 2008 -2009. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva l-ittra ta' risposta mill-Kunsill għal din il-*Management Letter.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-permessi għat-tqegħid ta' gabbani u posti fi żmien il-ġranet tal-festa kienu ser jinħarġu minn nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2009. Is-Sindku ppropona li għal din is-sena l-gabbani u posti jitpoġġew fil-postijiet li ġew allokati s-sena l-oħra. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg qal li fi Triq G Agius Muscat fejn hemm *parking* għall-persuni bi bżonnijiet speċjali ma għandhu jitpoġġa xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir *passenger lift* fiċ-Ċentru Ċiviku kienet ser tiġi diskussa f'laqgħa tad-DCC li ser issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2009.

Sotto Kumitati: Approvazzjoni ta' Membri

Is-Sur Pace ppropona lill-Kunsill lista ta' persuni biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għas-Saħħa.

a) Ursula Caruana, b) Manuel Cassar, c) Maria Borg, d) Carmen Hili, e) Margot Tabone, f) Joseph Tabone

Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pace ppropona wkoll lill-Kunsill li dawn il-persuni jservu bħala membri mis-Sotto Kumitat għall-Kultura u Wirt Storiku.

a) Grace Pace, b) Victor Farrugia, c) Tessie Vella, d) Alfred Palma, e) George Sinagra, f) Paul Cassar, g) Joyce Vella, h) Pia Farrugia, i) Kerry Dalli, j) Grace Butters

Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg ippropona lill-Kunsill li dawn il-membri jiffurmaw s-Sotto Kumitat għall-Anzjani.

a) Joyce Vella, b) Grace Scalpello, c) Doris Dalli, d) Joseph Vella, e) Consolata Bugeja, f) Romina Buhagiar, g) Thomas Micallef, h) Katie Calleja

Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani ppropona lill-Kunsill li dawn il-persuni jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għall-Qasam Soċjali.

a) Domenic Sciberras, b) Nathanael Muscat, c) Brian Farrugia

Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lil dawn il-membri biex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għall-Ippjanar u għall-Finanzjament minn Programmi tal-Unjoni Ewropeja.

a) Nathanael Muscat, b) Brian Farrugia, c) Tania Borg, d) Charlie Cassar, e) Charles Abela

Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja ppproponiet illi s-Sur Bonnici jservi bħala Viċi *Chairman* fis-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal. Is-Sur Buhagiar issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja ppproponiet lill-Kunsill li dawn il-membri jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal.

a) Rosann Grech, b) Rita Pulis, c) Laurabelle Portelli, d) Carmelo Mizzi, e) Josephine Tabone, f) Tarcisio Tabone

Is-Sinjura Calleja ppproponiet ukoll li jintgħazlu żewġ studenti mill-Iskola Primarja Dr Francis Chetcuti biex iservu bħal membri fis-Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal.

Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri li jekk għandhom xi proġetti li huma xtaqu li jwettqu u li flimkien miegħu jistgħu jaħdmu biex iġibu fondi mill-Unjoni Ewropeja u min xtaq ifittex xi inizzjattivi, hu liberu li jagħmel hekk. Dwar il-proġett tal-masġar is-Sur Pisani qal li qed nistennew stima mingħand il-Perit George Buhagiar li kien il-perit inkarigat mill-Gvern fuq dan il-proġett.

Is-Sur Pace reġa' semma l-ħtieġa li titwaħħal il-ħnejja fi Sqaq San Mikiel peress illi din ilha s-snin li nqalgħet.

Huwa talab li titwaħħal mera fi Triq il-Lunzjata quddiem Triq id-Dukkar kif ukoll reġa' saħaq li jitneħħew ir-rampi li hemm fuq il-bankini fi Triq Bormla ma' Triq Melita.

Huwa staqsa meta kien se jitkompla x-xogħol tal-Mina ta' *Hompesh* u jekk il-Grupp Armar setax iwaħħal fustuni tad-dawl mal-mina  Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fi żmien qasir kellu jitpoġġa l-madum tal-art tal-mina u wara jsir il-kumplament tad-dawl.  Dwar jekk jistgħux jitwaħħlu fustuni tad-dawl mal-mina, is-Sindku qal li l-Grupp Armar għandu jitkellem ma' uffiċċjali tal-MEPA biex jara x'permessi jinħtieġu biex isir xi armar mal-mina.

Is-Sindku qal ukoll li biex il-Kunsill jagħti il-veduti tiegħu dwar l-armar propost mil-Grupp Armar għandha l-ewwel issir talba bil-miktub mill-grupp.

Is-Sur Pace talab li jinżabru s-siġar li hemm fi Triq Mina ta' *Hompesch*.  Is-Sur Catania qal li kien tkellem ma' rappreżentant tal-*Environmental Landscaping Consortium* biex dan ix-xogħol isir mil-aktar fis.

Is-Sur Bonnici semma l-bzonn li ssir mera fi Triq id-Dukkar ma' Triq Santa Duminka.

Huwa talab ukoll li jinzebgħu *sleeping policeman* f'Misraħ San Gakbu u Triq ix-Xgħajra kif ukoll li ssir *sleeping policeman* fi Triq Wied il-Għajn viċin Triq iċ-Ċimiterju minħabba li kien qed isiru ħafna inċidenti.

Is-Sur Bonnici qal li f'Pjazza Medjatriċi kien qed jitrema fdalijiet ta' sigaretti ftit ħin wara li kien qed isir il-knis.

Is-Sur Grech semma l-bżonn titwaħħal tabella ta' *accident black spot* fi Triq iċ-Ċimiterju jew parti minn Triq iċ-Ċimiterju lejn Triq Wied il-Għajn issir *one-way*.  Huwa semma l-ħtieġa wkoll li tiġi rranġata l-parti t'isfel ta' Triq Wied il-Għajn lejn iż-Żonqor.

Is-Sur Buhagiar qal li kienet saret il-prezentazzjoni minn Dr Chris Said fejn il-Kunsill ġie mogħti €566 f'kotba għal-librerija.

Huwa qal ukoll li l-Ministru għall-Edukazzjioni, l-Onorevoli Dolores Cristina, offriet li tiltaqa' mar-rappreżentati tal-Kunsill jekk tinħass il-ħtieġa li tiġi diskussa xi ħaġa partikulari.

Huwa talab lill-Kunsill biex il-korsijiet tal-kompjuter ikomplu jsiru fix-xhur tax-Xitwa. Is-Sur Buhagiar issuggerixxa li tinħareġ sejħa għall-offerti biex jinkera post li jista' iservi bħala *stores* tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja qalet li ċerti toroq kienu qed ikunu magħluqa mingħajr ma jkun hemm gwardjani lokali u mingħajr ma jkun hemm sinjali tat-traffiku.

Is-Sinjura Calleja semmiet ukoll il-ħtieġa li tiġi rranġata mera li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Catania talab lill-Kunsill biex issir laqgħa mal-gwardjani lokali responsabbli dwar il-ħtieġa li jiġi nfurzat il-*litter act.*

Huwa qal li s-siġar taċ-Ċipress li hemm fi Pjazza Medjatriċi għandhom jiġu mibdula u li għandha titnaddaf il-funtana tal-Monument tal-Gwerra. Huwa semma wkoll il-bzonn li titnaddaf Triq il-Luq.

Is-Sindku semma l-bzonn li jiġu mħaddma l-*cameras* fil-*playing fields* tal-*Housing Estate* u *St Peter's.*

Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Isport biex issir attivita' għat-tfal tal-iskejjel primarji ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Buttigieg talab li jinbidlu l-bozoz maqtugħa u l-globi mkissra li hemm fi Triq is-Santwarju u Pjazza Medjatriċi. Huwa talab li tiġi rranġata *U-Bar* li hemm fi Triq il-Kunvent ma' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-art ħdejn iż-*żebra crossing* li hemm fi Triq tal-Labour u qal li din baqgħet ma' ġietx irranġata mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta. Huwa talab li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi rranġata l-art.

Is-Sur Buttigieg reġa semma l-bzonn li titressaq il-qasrija li hemm maġenb iż-żuntier tal-knisja biex din ma tkunx ta' zgombru. Huwa saħaq ukoll dwar l-importanza lis-siġar u l-pjanti ta' Triq tal-Labour jiġu mizbura.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-359 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2009.

Domenic Agius
Sindku

ŻABBAR
*Città Hompesch*

24 Awwissu 2009

Għażiż Sindku / Kunsillier

Nixtieq ninfurmak illi t-359 laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar il-Hamis 27 ta' Awwissu 2009, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Agenda**

1) Attendenza u Apoloġiji
2) Approvazzjoni tal-Minuti
3) Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti
4) Korrispondenza
5) Xogħol tal-Kunsill
    - Approvazzjoni ta' Finanzi
    - Approvazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji ta' kull kwart
    - Mozzjoni dwar trasferimenti ta' voti fl-Estimi Annwali 2009-2010
6) Affarijiet Oħra

Inselli għalik

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv